MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 1044/2013

**Fl-atti tac-cedola ta` depozitu bin-numru 1154/2011**

**fl-ismijiet :**

**FTK Limited (C37790) Anthony Sammut (ID 43669M) u Franco Sammut (ID 108870M)**

***kontra***

**Medgold Limited (C9277)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ta` FTK Limited et tad-29 ta` Ottubru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu li mill-ammont li kien depozitat bic-cedola fl-ismijiet premessi jigu awtorizzati jizbankaw l-ammont ta` €2542.87, li kienu l-ispejjez tal-proceduri ta` arbitragg li gew determinati mil-lodo arbitrali fl-ismijiet *FTK Limited vs Medgold Limited (Nru 2873/2011)* li kien deciz b`mod finali u definittiv fil-25 ta` Lulju 2013.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta` Novembru 2013 fejn ordnat in-notifika tar-rikors u tad-dokumenti annessi lil Medgold Limited bi tlitt ijiem zmien biex twiegeb, u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-11 ta` Novembru 2013 fil-11.00 a.m.

Rat ir-risposta li Medgold Limited ipprezentat fit-8 ta` Novembru 2013 fejn tat ir-ragunijiet taghha ghala l-Qorti kellha tichad it-talba tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta` Novembru 2013, rat id-dokumenti li kienu esebiti waqt l-udjenza, semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet u rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Fatti</u>**

Illi fil-procedura ta` arbitragg **<u>konvenzjonali</u>**, FTK Limited ("ir-rikorrenti") **<u>talbet</u>** li mill-iskadenza tal-kera tal-1 ta` Lulju 2011 (skond skrittura ta` lokazzjoni bejn il-partijiet tal-1 ta` Ottubru 2010) titnaqqas somma ekwivalenti ghall-

granet li fihom hi ma setghetx topera **minhabba** **htija jew nuqqas imputabbli lil Medgold Limited** (‘l-intimata”)[enfasi u sottolinear tal-Qorti].

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dik il-parti tal-lodo arbitrali li tqis rilevanti ghall-kwistjoni li dwarha qeghda tipprovdi llum –

*(iv)* ***Komplessivament jezistu tortijiet reciproci ghal dak li sehh****, anke jekk kemm il-kontraent wiehed u l-iehor ma jistghux jitqiesu in mala fede. Is-socjeta` FTK damet xahar biex tipprezenta l-applikazzjoni taghha, mentri fil-kaz tas-socjeta` Medgold l-applikazzjoni rettifikatorja impjegat xaghrejn biex tigi approvata mid-data tal-konvalida taghha.* [enfasi u sottolinear tal-Qorti]

*(v) Huwa ghalhekk gust u ekwu illi s-socjeta` FTK tibbenefika minn dawn ix-xaghrejn, del resto wkoll koncessi mill-kontro-parti, biex titlob ir-riduzzjoni komplimentari fil-hlas tal-kera ghall-iskadenza tal-1 ta` Lulju 2011.*

*L-ispejjez tal-arbitragg jithallsu* ***skond ir-rebh u t-telf****.* [enfasi u sottolinear tal-Qorti]

Illi l-ispejjez **totali** tal-arbitragg (eskluza l-VAT) kienu jammontaw ghal total ta` €2856.84 in kwantu ghal €2475.99 bhala spejjez tar-rikorrenti u in kwantu ghal €380.85 bhala spejjez tal-intimata.

**Ikkunsidrat :**

## III. Provvediment

Illi bil-procediment tal-lum, ir-rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tawtorizzaha tizbanka l-ammont li jirrapprezenta t-total tal-ispejjez taghha fil-procedura ta` arbitragg.

Illi din il-Qorti mhijiex il-*forum* kompetenti sabiex tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti. Ghalkemm il-punt li qeghda taghmel ma kienx sollevat minn Medgold Limited fir-risposta taghha, il-Qorti xorta wahda qeghda tissolleva l-kwistjoni ghaliex si tratta ta` materja ta` ordni pubbliku.

Illi din il-Qorti mhijiex il-*forum* kompetenti ghaliex id-decizjoni dwar l-ispejjez – imbaghad fi procediment arbitrali konvenzjonali bhal ma kien dak in kwistjoni – hija materja accessorja ghal dak il-procediment ta` arbitragg u kwindi jekk inqala` disgwid bejn il-partijiet dwar dak li ried ifisser l-arbitru bid-decizjoni tieghu dwar il-kap tal-ispejjez, il-partijiet kellhom jirrimettu l-kwistjoni lura lill-arbitru biex jaghtihom direzzjoni.

Illi din il-Qorti ma tistax tidhol hi biex tfisser, tinterpreta jew tissindaka d-decizjoni tal-arbitru dwar l-ispejjez arbitrali fi procediment ta` arbitragg li (mill-bidu sal-ahhar) kien espressament miftiehem bejn il-partijiet li jkun konvenzjonali, u kwindi kien intiz mill-partijiet stess li jhalli l-kwistjoni ta` bejniethom barra mill-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti kif dedotta. Jibqa` salv u mpregudikat id-dritt tar-rikorrenti li jipprocedu diversament biex isostnu l-pretensjoni taghhom. L-ispejjez ta` din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------